MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru. 1093/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Eugenio Gaffarena**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Eugenio Gaffarena ta' 50 sena, bin John u Micheline nee' Mifsud imwieled Mqabba fil-5 ta' Dicembru 1958 u residenti 24, Triq il-Murselli, Mqabba u detentur tal-karta tal-identita' numru 779658(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-25 ta' Awwissu 2009 u fil-gimghat precedenti f'dawn il-Gzejjer, fi proceduri kriminali ghamel attentat ta' korruzzjoni ta' xhud u cioe' lil Joseph Azzopardi fil-kawza

Pulizija kontra Eugenio Gaffarena liema proceduri kriminali qed jinstemghu quddiem il-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D, ai termini ta’ l-artikolu 102(b) tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, ai terminu ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 12 ta’ Marzu 2010 (esebita a fol. 63 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(1) Fl-Artikoli 102(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(2) Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(3) Fl-Artikolu 109 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tad-19 ta’ Mejju 2010, l-imputat Eugenio Gaffarena ddikjara li hu m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza twieldet minn proceduri kriminali ohra fil-konfronti tal-imputat odjern li kienu qed jinstemghu minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Magistrat Saviour Demicoli fuq akkuzi ta’ truffa u/jew frodi nnominata fejn kien qed jigi allegat li l-imputat kien avvicina lil certu Joseph Azzopardi fejn ghamel ta bir-ruhu li kien jismu Joseph Farrugia u li kien ufficjal tal-Awtorita’ tal-Ippjanar u talbu somma sostanzjali ta’ flus sabiex jirrangalu sabiex jinhareg permess ghal xi bini li kien sar

bla permess. Waqt l-imsemmija proceduri xehed il-kwerelant Joseph Azzopardi waqt l-udjenza tal-25 ta Awissu 2009[1] fejn huwa qal is-segwenti:-

***'Nghid illi xi hmistax ilu l-imputat kien gie fuqi, kont qieghed iz-Zurrieq u gie fuqi u qalli li flus mhux huh kien hadhomlu. Hu kien qieghed pero' hu kien jghidli kien huh imma jiena l-flus lilu kont tajthom. Qalli biex nimxi mieghu ha jgibli l-flus. Ghidtlu biex imur igibhomli. Lili kienu qalli illi kont ser nitfa' lil huh il-habs ta' xejn u qalli biex immur mieghu halli jtini l-flus. Nghid illi qalli biex jiena meta nigi nixhed il-Qorti llum niddikjara li ma kienx hija illi kien hadli l-flus.'***

Il-Magistrat li kien qed jippresjedi l-imsemmija kawza fid-dawl tal-kontenut tax-xhieda ta' Joseph Azzopardi ordna li kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Joseph Azzopardi tigi notifikata lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex isiru l-investigazzjonijiet necessarji u jittiehdu l-passi kollha mehtiega[2].

Illi l-imsemmi Joseph Azzopardi gie prodott bhala xhud fil-proceduri odjerni[3] fejn xehed b'mod kemmxejn konfuz u qal li ftit taz-zmien qabel ma huwa kellu jixhed fil-proceduri presjeduti mill-Magistrat Saviour Demicoli kien avvicinah l-imputat waqt li huwa kien xoghol iz-Zurrieq u qallu li huh u mhux hu kien hadlu l-flus u qallu sabiex imur mieghu halli jaghtih il-flus lura. Joseph Azzopardi sostna li l-imputat qallu li kien huh li hadlu l-flus u li huh kien ser jehel il-habs ghal xejn b'xejn. Joseph Azzopardi izda rega' irribadixxa li huwa l-flus sabiex jinhareg il-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar kien tahom lill-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx fil-proceduri odjerni u fid-29 ta' Settembru 2009 huwa rrilaxxja stqarrija[4] fejn ghal

---

[1] Vera kopa tax-xhieda nserita a fol. 50 sa 53 tal-atti processwali odjerni.
[2] Ara kopja tal-verbal relattiv inserit a fol. 48
[3] Huwa xehed waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar 2010.
[4] Inseita a fol. 40 sa 41 tal-process.

kull domanda li bdiet issirlu irrisponda li lil Joseph Azzopardi ma kienx jafu.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' tentattiv ta' korruzzjoni ta' xhud jew l'hekk imsejjah reat ta' subornazzjoni u dan a tenur tal-Artikolu 102(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

***'102. Kull min, fi proċeduri ċivili jew kriminali, jikkorrompi xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jagħti xiehda falza, jew jagħmel perizja falza jew jagħti tifsir falz, jeħel, meta jinsab ħati –***
***(b) meta jkun hemm biss attentat ta' korruzzjoni ta' xhud, perit jew interpretu, l-istess piena mnaqqsa grad jew żewġ gradi;'***

Illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet emendata bl-Att XXI tal-2007 fejn gie mizjud is-sub-inciz 3 appena citat. Dan ir-rekwizit madanakollu jidher li jakkompanja r-reat ikkunsmat u mhux it-tentattiv ta' korruzzjoni li dwaru l-imputat jinsab akkuzat.

Illi d-Difiza meta ghamlet is-sottomissjonijiet finali taghha sostniet li din il-Qorti ma tistghax tiehu konjizzjoni ta' dak li Joseph Azzopardi xehed fil-proceduri quddiem il-Magistrat Saviour Demicoli ghaliex din il-Qorti kif presjeduta ma semghatx lix-xhud jghid dak li jirrizulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda viva voce. Id-Difiza qed tinsisti fuq dan il-punt ghaliex filwaqt li meta Joseph Azzopardi xehed fil-proceduri quddiem il-Magistrat Saviour Demicoli huwa kien qal li l-imputat avvicinah u qallu x'kellu jghid meta jitla' jixhed huwa ma qalx l-istess haga meta xehed viva voce fil-proceduri odjerni Il-Qorti assolutament ma taqbilx mas-sottomissjoni maghmula mid-Difiza f'dan ir-rigward ghaliex jidrilha li x-xhieda moghtija minn Joseph Azzopardi tifforma parti integrali mill-proceduri odjerni ghaliex kienet propju din ix-xhieda li istigat il-bidu ta' dawn il-proceduri. L-Qorti izda jidrilha li la mix-xhieda moghtija minn Joseph Azzopardi quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta u l-anqas mix-xhieda moghtija

mill-imsemmi Joseph Azzopardi fil-proceduri odjerni ma jirrizultax li kien hemm tentattiv ta’ korruzzjoni ta’ xhud. Jekk wiehed jezamina it-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija minn Joseph Azzopardi quddiem il-Magistrat Saviour Demicoli isib li ix-xhud qal hekk:- “...lili qalli biex jiena meta nigi nixhed il-Qorti llum niddikjara li ma kienx hija illi kien hadli l-flus’ mentri aktar kmieni fix-xhieda tieghu Azzopardi kien qal li l-imputat beda’ jghidlu li ma kienx hu izda huh li hadlu l-flus. Wiehed ghalhekk jirriskontra kontradizzjoni cara f’dak li qed jghid Joseph Azzopardi u meta wiehed imbaghad jikkunsidra l-moghod ghal kollox konfuz u bla segwitu li bih xehed Joseph Azzopardi fil-proceduri odjerni wiehed ma jistghax ma jikkonkludix li jezisti dubju dwar x’effettivament intqal dakinhar li l-imputat avvicina lil Azzopardi qabel dan tal-ahhar kellu jixhed fil-proceduri quddiem il-Magistrat Saviour Demicoli. Jeziisti dubju dwar jekk effettivament l-imputat qalx lix-xhud x’kellu jghid jew altrimenti jekk huwa semplicement avvicinah u qallu li ma kienx hu li hadlu l-flus izda huh. Dan id-dubju ovvjament ghandu jimmilita favor l-imputat u ghalhekk din il-Qorti ma tistghax tqis li l-imputazzjoni addebitata lilu tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddkjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------